Studju tal-Każ 4 – Il-liġi kummerċjali – Il-kuntratti – Il-Ġermanja

# Spejjeż fil-Ġermanja

## Spejjeż tal-proċedimenti fl-ewwel istanza jew fl-appell

| Studju ta' każ | Proċedimenti fil-prim'istanza | Appell |
|---|---|---|
| | Tariffi inizjali tal-qorti | Tariffi inizjali tal-qorti |
| Każ A | EUR 1 035,00 | Appell: EUR 1 380,00<br>Appell fuq punt ta' liġi EUR 1 725,00 |
| Każ B | EUR 1 035,00 | Appell: EUR 1 380,00<br>EUR 1 725,00 |

## Onorarji ta' avukat, uffiċjal ġudizzjarju u esperti

| Studju ta' każ | Avukat | | Uffiċjal ġudizzjarju | | Espert | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Hemm rekwiżit għal rappreżentanza legali? | Spejjeż medji | Hemm rekwiżit li jkun involut uffiċjal ġudizzjarju? | Spejjeż wara s-sentenza | Hemm rekwiżit biex jissejjaħ espert? | Spejjeż |
| Każ A | Iva | L-Ewwel Istanza: EUR 2 231 | Le | Jiddependi fuq it-tip ta' miżura ta' infurzar | Le | Abbażi tar-rati fis-siegħa. Il-livelli jvarjaw skont il-qasam ta' attività, iżda r-rata massima hija ta' EUR 125, flimkien mal-ispejjeż u l-VAT |
| Każ B | Iva | L-Ewwel Istanza: EUR 2 231 | Le | | Le | Abbażi tar-rati fis-siegħa. Il-livelli jvarjaw skont il-qasam ta' attività, iżda r-rata massima hija ta' EUR 125, flimkien mal-ispejjeż u l-VAT |

## Spiża biex jiġu koperti l-ispejjeż tax-xhieda

| Studju ta' każ | Spejjeż tax-xhieda | |
|---|---|---|
| | Ix-xhieda huma intitolati għar-rimborż tal-ispejjeż tagħhom? | Spejjeż |
| Każ A | Iva | Sa EUR 21 fis-siegħa għall-qligħ mitluf, apparti l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u spejjeż oħra |
| Każ B | Iva | Sa EUR 21 fis-siegħa għall-qligħ mitluf, apparti l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u spejjeż oħra |

## L-ispejjeż tal-għajnuna legali u r-rimborż ta’ spejjeż oħra

| Studju ta’ każ | Għajnuna legali | | | Rimborż | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Meta u f’liema kundizzjonijiet tista’ tingħata l-għajnuna legali? | Meta tingħata l-għajnuna legali kollha? | X’inhuma l-kundizzjonijiet? | Il-parti rebbieħa tista’ titlob l-aġġudikazzjoni tal-ispejjeż tal-litigazzjoni? | Liema spejjeż mhumiex eliġibbli għar-rimborż? | Hemm każijiet fejn l-għajnuna legali trid titħallas lura? |
| Każ A | Bħala regola, ma tingħata l-ebda għajnuna legali lil persuni ġuridiċi stabbiliti barra mill-UE. Rekwiżiti ġenerali: Il-parti trid tkun f’sitwazzjoni finanzjarja prekarja (mingħajr introjtu jew assi), u l-azzjoni legali jrid ikollha prospetti raġonevoli ta’ suċċess u ma għandhiex tidher vessatorja. | Jekk l-introjtu disponibbli tal-parti mingħajr introjtu jew assi ma jaqbiżx l-EUR 15 wara t-tnaqqis ta’ ċerti allowances bażiċi riċevuti minnha jew mill-membri tal-familja tagħha u tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u tat-tisħin. L-għajnuna legali tista’ tingħata wkoll b’mod sħiħ f’każijiet oħra, iżda trid tiġi rimborżata bin-nifs. L-ammont tal-ħlas bin-nifs jiddependi fuq l-introjtu disponibbli. | 1. B’rikors (l-ebda avukat ma huwa meħtieġ biex isir ir-rikors) 2. Il-proċedura tkun għadha għaddejja 3. Ara wkoll il-kolonna 1. | Iva, sakemm ikunu rebħu l-każ. | Spejjeż mhux essenzjali għall-azzjoni legali jew għad-difiża tagħhom stess | Ara l-kolonna 2. |
| Każ B | Ara l-Każ A hawn fuq | Ara l-Każ A hawn fuq | Ara l-Każ A hawn fuq | Ara l-Każ A hawn fuq | Ara l-Każ A hawn fuq | Ara l-Każ A hawn fuq |

## Spejjeż ta’ traduzzjoni u interpretazzjoni

| Studju ta’ każ | Traduzzjoni | | Interpretazzjoni | | Hemm xi spejjeż oħra relatati ma’ tilwim transfruntier? |
|---|---|---|---|---|---|
| | Meta u f’liema kundizzjonijiet hija meħtieġa t-traduzzjoni? | Spiża approssimattiva | Meta u f’liema kundizzjonijiet hija meħtieġa l-interpretazzjoni? | Spiża approssimattiva | Deskrizzjoni |
| Każ A | | | | | |
| Każ B | Fil-prinċipju, is-sottomissjonijiet kollha bil-miktub lill-qorti u l-evidenza dokumentarja kollha jridu jiġu tradotti. Il-qorti tista’ tiddeċiedi li d-dokumenti ma għandhomx għalfejn jiġu tradotti jekk l-imħallfin kollha li jkunu qed jittrattaw il-kawża jifhmu l-lingwa inkwistjoni. | Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet EUR 1,55 għal kull 55 karattru, apparti l-ispejjeż u l-VAT | Il-lingwa tal-qrati hija l-Ġermaniż. Jista’ jiġi deċiż li ma jkunx hemm interpretazzjoni jekk dawk kollha preżenti jkollhom għarfien tajjeb tal-lingwa barranija inkwistjoni. | EUR 70 fis-siegħa, flimkien mal-ispejjeż u l-VAT | Spejjeż ta’ notifika ta’ dokumenti barra mill-pajjiż |

L-aħħar aġġornament: 07/04/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.